# Fil-Qorti Tal-Magistrati (Malta)
# bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## MAGISTRAT DR FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta ta' nhar l-Erbgha (20) ta' Mejju 2015

Libell Nru 3/13

**Vincent Farrugia**

vs

**Josef Caruana**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-akkuzat **Josef Caruana** li joqghod 'Spring Rose', Triq gwanni Zammit, Safi, bhala editur tal-gazzetta l-Orizzont fejn gie akkuzat minn Vincent Farrugia illi, permezz ta' artikolu ipubblikat fil-gurnal l-Orizzont fil-harga tat-28 ta' Frar 2012 intitolat "***Min hu gurdien, Cens***?", bil-mezz ta' karta miktuba, sew jekk anonima u sia jekk iffirmata, bil-hsieb li jtellef jew jnaqqas il-gieh ta' Vincent Farrugia, weggajtu bi kliem, b'gesti, b'kitba, b'disinji, b'figuri jew disinji mxandrin jew esposti fil-pubbliku jew b'xi mod iehor, u dana bi ksur ta' l-Artikolu 252 (1) u (3) tal-Kodici Kriminali (Kap 9).

Josef Caruana gie ukoll akkuzat talli, fl-istess zmien u cirkostanzi, permezz ta' l-istess mezz stampat, ta malafama lill-Vincent Farrugia u dana bi ksur ta' l-Artikolu 11 ta' Kap 248 tal-Ligijiet ta' Malta, ossija il-Ligi dwar l-Istampa.

Rat il-kwerela illi abbazi taghha nbdew il-proceduri odjerni, datat 8 ta' Marzu 2012.

Rat l-artikolu meritu tal-kawza odjerna, anness mill-kwerelant fil-kwerela tieghu.

Rat illi, wara erbgha seduti fejn ma gara xejn, il-prosekuzzjoni ressqet ix-xhieda ta' **Paul Abela**, President tal-GRTU, u dana fil 5 ta' Marzu 2014.

Rat illi fis-seduta sussegwenti tad 9 ta' April 2014, reggha xehed Paul Abela.

Rat illi fit 22 ta' Ottubru 2014, wara zewgt seduti fejn reggha ma deherx il-kwerelant, il-Qorti iddikjarat il-provi prosekuzzjoni bhala maghluqa.

Rat illi fis-seduta tad-19 ta' Novembru 2014, l-akkuzat ghazel illi ma jixhidx.

Semghet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet illi saret fit 28 ta' Jannar 2015.

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti, tosserva minnufih, illi fil-proceduri odjerni, il-kwerelant, Vincent Farrugia, qatt ma xehed sabiex jindika b'xiex hassu malafamat u deher biss darba wahda, fit-tieni seduta, mill-hdax-il seduta illi saru, sabiex il-kawza odjerna tithalla ghas-sentenza.

Il-Qorti ma tistax ma tosservax illi tali nuqqas da parte tal-kwerelant hija indikazzjoni cara tan-nuqqas ta' interess illi l-kwerelant kellu fil-proceduri odjerni, tant illi mhux talli lanqas biss xehed fil-proceduri odjerni, izda lanqas biss ikkonferma il-kwerela tieghu bil-gurament quddiem dina l-Qorti.

Il-Qorti tosserva ukoll illi mill-provi kollha prodotti quddiemha, ma ghandha ebda indikazzjoni dwar liema brani ta' l-artikoli l-kwerelant ihossu malafamat dwarhom u l-fatt illi l-artikolu prodott flimkien mal-kwerela mill-intimat huwa kollu 'highlighted', ma huwiex indikazzjoni sufficjenti sabiex dina l-Qorti tikkunsidraha bhala prova illi dawk huma il-brani li dwarhom ihossu malafamat l-kwerelant.

Il-Qorti tosserva wkoll illi ma ngabet ebda prova kif trid il-Ligi illi tindika illi l-akkuzat kien attwalment l-editur tal-gazzetta l-Orizzont fil-mument tal-pubblikazzjoni.

Il-Qorti, f'dana l-istadju tista tghaddi sabiex tikkunsidra l-fatti kollha tal-kaz abbazi ta' dak illi xehed Paul Abela, madanakollu, thoss illi n-nuqqas car u manifest tal-kwerelant illi juri interess fil-kawza odjerna hija tali illi l-kawza odjerna ma timmeritax illi tigi kkunsidrata aktar fid-dettal u l-Qorti ghandha tistrieh unikament fuq il-fatt illi ma ngabux provi da parte tal-kwerelant illi huwa b'xi mod hassu malafamat u, aktar u aktar, b'liema kliem jew fatti huwa gie malafamant, u dana peress illi lanqas xehed il-kwerelant.

Il-Qorti ma tistax ma tosserva l-mod legger u dilettantesk illi biha tmexxiet il-kawza odjerna mill-kwerelant, partikolarment f'kaz ta' libell kriminali fejn il-principju tal-liberta' ta' l-espressjoni ta' l-espressjoni qieghed jigi mhedded b'akkuzi illi jistghhu igibu maghhom pieni karcerarji, liema tmexxija hija ta' carament ta' hsara ghas-sistema gudizzjarja u ghall-process ta' gustizzja mehtieg u rikjest f'socjeta demokratika bhalma hija dik Maltija, u jidher car illi qed isir abbuz tal-proceduri kriminali sabiex jigi mxekkel id-dritt tal-liberta' ta' l-espressjoni.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti ghalhekk

Wara illi fliet il-process u semghet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet,

Tillibera lill-akkuzat mill kull akkuza kif fuq indikat fuq nuqqas ta' provi kontra tieghu.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Registratur**